

Rikors ippreżentat fil-25 ta' Settembru 2019 – Sasol Germany and Others vs ECHA

(Kawża T-640/19)

(2019/C 406/45)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Partijiet

Rikorrenti: Sasol Germany GmbH (Hamburg, il-Ġermanja) SI Group - Béthune (Béthune, Franza), BASF SE (Ludwigshafen am Rhein, il-Ġermanja) (rappreżentanti: C. Mereu, P. Sellar and S. Saez Moreno, avukati)

Konvenuta: L-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi (ECHA)

Talbiet

Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

- tiddikjara t-talba ammissibbli u fondata;
- tannulla parzjalment l-att ikkontestat sa fejn dan jinkludi s-sustanza 4-tert butilfenol (PTBP) bħala sustanza ta' tħassib serju ħafna (SVHC) fil-lista tas sustanzi kandidati bil-għan ta' inklużjoni eventwali fl-Anness XIV tar Regolament (KE) Nru 1907/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (!);
- tikkundanna lill-konvenuta għall-ispejjeż.

Motivi u argumenti prinċipali

Insostenn tar-rikors tagħha, ir-rikorrenti tinvoka ħames motivi.

1. L-ewwel motiv huwa bbażat fuq ksur tal-kriterji għal tfixkil tas-sistema endokrina u l-approċċ tal-piż tal-evidenza, peress li l-konvenuta naqset milli turi li hemm evidenza xjentifika ta' effetti serji probabbli fuq is-saħħa tal-bniedem jew tal-ambjent.
2. It-tieni motiv huwa bbażat fuq ksur tal-Artikolu 57(f) tar-Regolament (KE) Nru 1907/2006 dwar "livell ta' tħassib ekwivalenti", peress li
 - l-ewwel, l-evalwazzjoni tal-"livell ta' tħassib ekwivalenti" meħtieġ skont ir-Regolament (KE) Nru 1907/2006 ma kkunsidratx fatturi oħra għajr dawk relatati mal-perikli li jirriżultaw mill-proprjetajiet intrinżiċi tas-sustanza u fatturi li ma ġewx meqjusa bħall-bijodegradabilità ta' PTBP li kienu meħtieġa għall-evalwazzjoni (jew kienu bbażati fuq sempliċi konġetturi);
 - it-tieni, l-Istat Membru proponent, il-Ġermanja, ibbaża ruħu fuq informazzjoni mhux affidabbli u qari inkroċjat mhux issostanzjat tal-proprjetajiet ta' sustanza oħra;
 - it-tielet, id-deċiżjoni kkontestata tenfasizza li PTBP kien ekwivalenti għal sustanza CMR li għaliha ma hemm l-ebda evalwazzjoni xjentifika li tipprovd i ġustifikazzjoni.

3. It-tielet motiv huwa bbażat fuq żball manifest ta' evalwazzjoni/nuqqas ta' teħid inkunsiderazzjoni bir-reqqa tal-informazzjoni kollha rilevanti u b' mod partikolari tal-informazzjoni tal-espożizzjoni.
4. Ir-raba' motiv huwa bbażat fuq ksur tal-prinċipju ta' proporzjonalità/nuqqas ta' għażla tal-inqas għażliet onerużi.
5. Il-ħames motiv huwa bbażat fuq ksur tal-prinċipju ta' proporzjonalità/nuqqas ta' twettiq ta' analiżi tal-għażliet ta' għestjoni tar-riskju xierqa mingħajr ma sar teħid inkunsiderazzjoni tal-miżuri tal-għestjoni tar-riskju diġà eżistenti.

(¹) Regolament (KE) Nru 1907/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2006 dwar ir-reġistrazzjoni, il-valutazzjoni, l-awtorizzazzjoni u r-restrizzjoni ta' sustanzi kimiċi (REACH), li jstabbilixxi Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi, li jemenda d-Direttiva 1999/45/KE u li jħassar ir-Regolament (KEE) Nru 793/93 tal-Kunsill u r-Regolament (KE) Nru 1488/94 tal-Kummissjoni kif ukoll id-Direttiva 76/769/KEE tal-Kunsill u d-Direttivi 91/155/KEE, 93/67/KEE, 93/105/KE u 2000/21/KE tal-Kummissjoni (ĠU L 396, 30.12.2006, p. 1).

Rikors ippreżentat fis-27 ta' Settembru 2019 – Sasol Germany et vs Il-Kummissjoni Ewropea

(Kawża T-661/19)

(2019/C 406/46)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Partijiet

Rikorrenti: Sasol Germany GmbH (Hamburg, il-Ġermanja), SI Group - Béthune (Béthune, Franza), BASF SE (Ludwigshafen am Rhein, il-Ġermanja) (rappreżentanti: C. Mereu, P. Sellar u S. Saez Moreno, avukati)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea

Talbiet

Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

- tiddikjara t-talba ammissibbli u fondata;
- tannulla d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/1194 tal-5 ta' Lulju 2019 dwar l-identifikazzjoni tas-sustanza 4-tert-butilfenol (PTBP) bħala sustanza ta' tħassib serju ħafna skont l-Artikolu 57(f) tar-Regolament (KE) Nru 1907/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU 2019, L 187, p. 41);
- tikkundanna lill-konvenuta għall-ispejjeż.

Motivi u argumenti prinċipali

Insostenn tar-rikors tagħha, ir-rikorrenti tinvoka ħames motivi, li huma essenzjalment identiċi jew simili għal dawk invokati fil-kuntest tal-Kawża T-640/19, Sasol Germany et v ECHA.
